## 3 ta' Marzu, 1993

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. – President**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**

Donald Darmanin *noe*

*versus*

Kontrollur tad-Dwana

## Ħlas ta' Dazju – Indebitu

*Il-kważi kuntratt magħruf bħala indebitu jinqasam fi tnejn: dak li jħallas dejn għaliex bi żball jaħseb li huwa debitu għandu d-dritt li jitlob ir-rifużjoni ta' dak li ħallas indebitament, u l-obbligazzjoni ta' dak li jirċievi xjentement jew bi żball dak li ma kellux dritt li jirċievi li jirrifondi.*

1. L-attur biċ-ċitazzjoni quddiem il-Qorti Ċivili, Prim'Awla, talab mingħand il-konvenut ir-rifużjoni ta' diversi somom ta' flus, li flimkien jammontaw għal elf ħames mija u tmenin lira u dsatax-il ċenteżmu (Lm1,580.19ċ) imħallsa lill-konvenut taħt protesta, għal dazju ta' importazzjoni minnu pretiż, imma mhux dovut skond il-liġi;

2. Il-konvenut eċċepixxa l-karenza ta' fondament ġuridiku għall-azzjoni billi ma jeżistux ir-rekwiżiti għall-promozzjoni ta' azzjoni a bażi ta' ħlas indebitu kif ukoll *stante* li l-ammont mitlub huwa, fil-fatt dovut, bħala dazju skond il-liġi;

3. B'deċiżjoni tat-8 ta' Jannar, 1991, l-imsemmija Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, tat raġun lill-attur u kkundannat lill-konvenut li jħallsu s-somma mitluba fiċ-ċitazzjoni, u dan billi ġew stabbiliti dawn il-fatti:

(a) L-attur importa mbejjed u xorb spiritu u għalihom ħallas id-dazju dovut dakinhar tal-25 ta' Novembru, 1988, skond il-liġi;

(b) Minn dik id-data sat-30 ta' Novembru, 1988, l-attur ipprova jirtira mid-Dwana l-merkanzija, imma l-imħażen tagħha kienu magħluqin u għalhekk il-merkanzija baqgħet fl-istess imħażen;

(ċ) Meta tħabbar il-jum tal-*"Budget"* annwali tal-Gvern, fit-30 ta' Novembru, 1988, ir-rata tad-dazju għoliet u l-Kontrollur ma ppermettiex lill-attur li jirtira l-merkanzija jekk ma jħallasx id-differenza bejn ir-rata antika (ġà mħallsa) u r-rata l-ġdida;

(d) L-attur ma kellux triq oħra ħlief li jħallas **taħt protesta,** l-ammont li ġie mitlub skond ir-rati l-ġodda, u dan l-ammont huwa dak li tiegħu qed jitlob ir-rifużjoni;

4. L-appell tal-konvenut jesponi illi:

(a) L-attur qed jitlob il-ħlas ta' **indebitu** mentri biex dan ikun possibbli jrid ikun hemm **ħlas bi żball** – li manifestament mhux il-każ;

(b) Is-sentenza ma tatx piż lix-xhieda ta' Spiridione Giorgio għan-nom tal-konvenut;

(ċ) Illi l-art. 17(2) ta' l-Att dwar id-Dazji ta' Importazzjoni jiddisponi illi:

"Meta xi oġġett jinħareġ mid-depost għall-użu jew konsum f'Malta, id-dazju li għandu jintalab fuq dak l-oġġett ikun dak li għandu jitħallas fid-data tal-ħruġ attwali ta' dak l-oġġett mid-depost";

(d) Illi l-art. 4 Kap. 62 (Att dwar il-Protezzjoni ta' l-Erarju jirrendi l-pretensjoni ta' l-attur – a bażi ta' danni minħabba r-ritard tal-konvenut – dubjuż għaliex il-Kontrollur għandu s-setgħa li bejn l-1 ta' Ottubru, u l-31 ta' Jannar ta' kull sena jista' ma jippermettix li tiġi sdoganata konsenja li jikkonsidra mhux solita jew eċċessiva;

(e) Is-sentenza żbaljat ukoll meta akkordat interessi mid-data tal-ħlas għaliex skond l-art. 1023(1) Kap. 16, interessi ta' dik ix-xorta jimpurtaw l-*mala fede* tal-konvenut;

(5) (a) Il-kważi-kuntratt magħruf bħala indebitu – li fuqu tant għamel enfasi l-konvenut, matul it-trattazzjoni fl-ewwel grad, u qed isostni f'dan l-appell – jinqasam fi tnejn. Dak li jħallas dejn għaliex bi żball jaħseb li huwa debitu, art. 1022 Kap. 16, għandu d-dritt li jitlob ir-rifużjoni ta' dak li ħallas indebitament – u billi hawnhekk, fil-każ preżenti ebda ħlas bi żball ma sar mill-attur, din l-azzjoni mhix proponibbli mill-attur – kif qal il-konvenut. Imma fl-artikolu ta' qabel dan – artikolu 1021 Kap. 16 – hemm deskritta azzjoni oħra, ibbażata ukoll fuq l-indebitu: l-obbligazzjoni ta' dak li jirċievi xjentement jew bi żball dak li ma kellux dritt li jirċievi, huwa obbligat li jirrifondi. L-indebitu da parti tad-debitur fuq ħlas bi żball u indebitu da parti tal-kreditur li jirċievi ħlas li lilu mhux dovut – u jirċevih

indebitament – kemm jekk jaħseb li mingħalih għandu dritt u kemm jekk le;

Fil-każ preżenti, l-indebitu huwa da parti tal-konvenut u għalhekk m'hemm ebda fondament għall-aggravju tal-konvenut fuq dan il-punt ta' dritt;

(b) M'hemm xejn fix-xhieda ta' Spiridione Giorgio li jbiddel sostanzjalment dak li hija t-teżi ta' l-attur. Amministrattivament, il-Kontrollur jirregola f'liema ġranet l-imħażen tad-depost ikunu miftuħin biex minnhom tkun tista' tiġi rtirata l-merkanzija. U b'dan kien jaf l-attur. Ġew esebiti diversi dokumenti biex juru li bejn it-22 u t-30 ta' Novembru, 1989, l-imħażen aktarx kienu miftuħin u allura l-attur seta' jirtira l-merkanzija. Però dan il-punt m'huwiex tant rilevanti għaliex il-kwistjoni – kif diġà ntqal – hija jekk il-Kontrollur kellux dritt iġiegħel lill-attur iħallas rata ta' dazju aktar għolja minn dik li huwa kien diġà **talab** u **aċċetta.** *Del resto,* fit-30 ta' Novembru, 1988, meta l-merkanzija ġiet irtirata, avolja l-attur dakinhar ma talabx l-addizzjoni li kienet daħlet *in vigore,* xorta waħda **wara** ħallasha taħt protesta, għaliex il-Kontrollur kien qed jippretendi li dik kienet il-liġi. Għalhekk ix-xiehda ta' Giorgio ma tikkuntrastax ma' dak li ġie rritenut fis-sentenza;

(ċ) L-art. 17(2), ta' l-Att dwar l-Importazzjoni jistabbilixxi x'għandu **jitlob** il-Kontrollur bħala dazju mingħand l-importatur. Meta l-attur ħallas id-dazju mitlub mingħandu fil-25 ta' Novembru, 1988, dan kien konformi mad-dazju li skond il-liġi kien dovut għaliex il-merkanzija kellha attwalment toħroġ mid-depost f'dik il-ġurnata. Jiġifieri dan l-artikolu jirregola kif għandu jimxi l-Kontrollur imma meta **jitlob** u **jitħallas** ta' dak li jitlob allura hija r-responsabbilità tiegħu li jara li la **talab** u

**aċċetta** d-dazju, dik il-merkanzija tkun attwalment ħarġet mid-depost. L-interpretazzjoni li qed jippretendi l-Kontrollur altrimenti tfisser, li huwa talab rata għall-ħlas tad-dazju **meta ma kellux** jitlobha u wisq inqas jaċċettaha, inkwantu l-ħruġ attwali tal-merkanzija mid-depost m'avverratx ruħha fil-ġurnata li huwa kien tħallas. U l-konvenut ikun qed javvantaġġja ruħu min-nuqqas tiegħu, li din il-Qorti mhix ippreparata li tikkontempla u li ċertament ma kkontemplax lanqas l-istess Kontrollur;

(d) It-tielet aggravju huwa sempliċement ipotetiku – għaliex kif diġà ġie osservat l-azzjoni preżenti mhix waħda ta' danni, fuq xi kważi-delitt tal-Kontrollur, kif hemm ipotezzat fil-Petizzjoni ta' l-Appell, imma hija dik li toħroġ mill-kważi kuntratt ta' l-art. 1021 Kap. 16;

(e) L-aħħar aggravju wkoll m'huwiex fondat għaliex hawnhekk il-*mala* jew il-*buona fede* m'humiex rilevanti. Is-sentenza akkordat l-interessi **legali** u dan ifisser, skond l-artikolu 1133 u 1141(2) Kap. 16, li l-interessi huma dovuti minn dakinhar li ġie nnotifikat lill-konvenut l-ewwel att ġudizzjarju, jew l-ittra uffiċjali allegatament mibgħuta fit-12 ta' Mejju, 1989, jew l-att ta' din iċ-Ċitazzjoni;

6. Għalhekk is-sentenza appellata hija kkonfermata u l-appell miċħud;

Spejjeż taż-żewġ istanzi għall-konvenut.